**Media Release**
**14 t'April 2009**

*Stqarrija mahruga mill-Kandidata tal-Partit Laburista ghall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew Claudette Abela Baldacchino*

# Htiega ta' pakkett ta' riformi legislattivi sabiex jipprotegu aktar lill-ghaqdiet tal-haddiema f' hidmiethom

Bhala Kandidata Laburista ghall-Parlament Ewropew ma nistax ma nesprimix is-sentiment li dak li qieghed isehh fil-kamp industrijali huwa tassew inkwetanti u jimmerita attenzjoni urgenti minn dawk kollha li jistghu jaghtu sehmhom biex l-affarijiet jirritornaw lura ghan-normal.

Il-fatt li l-ligijiet Maltin jaghtu poteri diskrezzjonali kbar lid-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, partikularment f'materji ta' determinazzjoni ta' liema union tgawdi l-appogg tal-maggoranza tal-haddiema f'post tax-xoghol, certament mhumiex adekwati ghaz-zminijiet ta' llum.

Il-process li adotta d-Direttur ta' l-Impjiegi fil-kwistjoni tal-haddiema tax-xatt li minflokk ma uza ghodda legittimi u trasparenti bhal ma hija votazzjoni sigrieta bejn il-haddiema taht dawk ir-regoli u prassi stabbiliti, ghazel li jibghat ghal haddiema wiehed wiehed u jistaqsihom personalment liema union kienu jidentifikaw rwiehhom maghhom, iqajjem hafna mistoqsijiet. Ma nistax ma nistaqsix dwar il-motivazzjoni tad-Direttur li jaghzel dan il-metodu li fl-aghar ipotesi jista' jigi meqjus bhala intimidatorju, u certament li mhux trasparenti u ekwu.

Aghar minn hekk jidher li kien hemm min rikeb fuq din il-kwistjoni bejn zewg ghaqdiet tal-haddiema sabiex ghal interessi tieghu jipprova jgib lill-ghaqdiet tal-haddiema gharkubtejhom. Il-mandat ta' miljun ewro mahrug kontra l-General Workers Union m'ghandux jitqies biss bhala theddida serja fuq l-operat tal-GWU u l-membri taghha, Dan ghaliex il-konsegwenzi tieghu jistghu ihallu effett permanenti fuq il-mod li bih jitmexxew ir-relazzjonjijiet industrijali f'pajjizna. Il-precedent li qieghed jinholoq huwa tali li jekk jithalla ghaddej qisu mhu xejn ikun ifisser li ser jigi pperikolat id-dritt tal-azzjonjijiet industrijali li dejjem kien l-ahhar tarka tal-haddiem biex jiddefendi l-interessi tieghu.

Huwa precizament ghalhekk li niehu din l-opportunita sabiex filwaqt li nuri solidarjeta shieha mal-General Workers Union u l-haddiema membri taghha f'dan il-mument difficli u naghmel appell sincier lill-partijiet kollha, inkluz il-Gvern, sabiex minghajr aktar dewmien tinstab soluzjoni ekwa ghal din it-tilwima. Fl-istess waqt nappella sabiex minghajr dewmien jitressaq 'il quddiem pakkett ta' riformi legislattivi sabiex jaghtu aktar protezzjoni lill-ghaqdiet tal-haddiema fil-hidma taghhom, inkluz permezz ta' projbizzjoni li jinhargu mandati bhal dawk li prezentement gew imdendla fuq ras il-General Workers Union.

**Claudette Abela Baldacchino**

**Kandidati tal-Partit Laburista ghall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew**